



Brussell, 14 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9261/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0098(NLE)

COASI 73
ASIE 28
CFSP/PESC 378
COHOM 61
CONOP 44
COTER 66
JAI 509
WTO 139
FISC 264

ECOFIN 489
COMPET 397
RECH 261
ENER 267
TRANS 332
TELECOM 221
ENV 479
EDUC 244
EMPL 270

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Mejju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 199 final
Suġġett:	ANNESSI ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u tat-termini ta' referenza tas-sottokomitati speċjalizzati.

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 199 final.

Mehmuż: COM(2019) 199 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2019
COM(2019) 199 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u tat-termini ta' referenza tas-sottokumitati speċjalizzati.

ANNESS I

DEĊIŻJONI Nru 1 [/../.] TAL-KUMITAT KONĠUNT ta'...

li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-FILIPPINI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”), u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2018.
- (2) Għalhekk jenħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat jiġu adottati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, kif stabbiliti fl-Anness, huma b'dan adottati.
2. Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-Filippini
Il-President*

Anness A
Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt

Artikolu 1

Kompiti u Kompożizzjoni

1. Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-kompiti previsti fl-Artikolu 48 tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”), minn hawn ’il quddiem imsejtni konguntemment bħala l-“Partijiet” u individwalment bħala l-“Parti”.
2. Il-Kummissjoni Konġunta għandha tkun komposta mir-rappreżentanti taż-żewġ naħat fil-livell ta’ uffiċjali anzjani.

Artikolu 2

Laqgħat

1. Il-Kumitat Konġunt għandu normalment jiltaqa’ kull sentejn. Il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandha tissejjaħ mill-President. Il-laqgħat għandhom isiru f’Manila u fi Brussell b’mod alternat, f’dati stabbilita bi ftehim reċiproku. Jistgħu jsiru sessjonijiet speċjali tal-Kumitat Konġunt fuq talba ta’ waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
2. Jekk il-Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt jistgħu isiru eċċezzjonalment permezz ta’ vidjokonferenza jew telekonferenza.
3. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom isiru esklussivament u b’mod kunfidenzjali bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet, sakemm iż-żewġ Partijiet ma jaqblux li jagħmlu mod ieħor.

Artikolu 3

Presidenza

Il-Parti li tospita l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandu jkollha l-presidenza minn dakinhar tal-laqgħa sal-31 ta’ Diċembru ta’ dik is-sena. Il-Kumitat Konġunt imbagħad ikun presedut b’mod alternat għal perjodu ta’ sentejn minn hemm ’il quddiem.

Artikolu 4

Parteċipanti

1. Il-membri tad-delegazzjoni ta’ kull Parti għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet li jitmexxew fil-livell ta’ uffiċjali anzjani.
2. Iż-żewġ Partijiet għandhom jinfurmaw lill-kontropartijiet tagħhom dwar il-kompożizzjoni effettiva tad-delegazzjoni tagħhom wiehded u għoxrin (21) jum tax-xogħol qabel il-laqgħa.

3. Il-President għandu jiżgura li l-parteċipanti kollha tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ikunu rappreżentanti tal-Partijiet maħtura dovutament. Dubji dwar il-kompożizzjoni tad-delegazzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-President.
4. Il-partijiet, bi ftehim minn qabel, jistgħu jistiednu lil partijiet terzi għal laqgħa biex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett partikolari jekk jitqies li jkun hemm bżonn. Kull Parti għandha tinforma lill-kontroparti tagħha tal-anqas wieħed u għoxrin (21) jum tax-xogħol qabel il-laqgħa bl-intenzjoni tagħha li tistieden terzi.

Artikolu 5

Segretarjat

Rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u rappreżentant tad-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika tal-Filippini għandhom iservu flimkien bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt. Il-komunikazzjonijiet kollha lill-President u mingħandu għandhom jingħaddew lis-Segretarji. Il-korrispondenza lill-President u mingħandu tista' ssir permezz ta' kull mezz bil-miktub, inkluż permezz tal-posta elettronika.

Artikolu 6

Aġendi għal-laqgħat

1. Il-President għandu jħejji aġenda proviżorja għal kull laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti rilevanti, mill-inqas wieħed u għoxrin (21) jum tax-xogħol qabel il-laqgħa.
2. L-aġenda għandha tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt. Punti oħra minbarra dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

Artikolu 7

Minuti

1. Iż-żewġ Segretarji għandhom iħejju b'mod konġunt abbozz ta' sommarju tal-eżitu/konklużjonijiet tal-laqgħa.
2. Il-Kap tad-Delegazzjoni ta' kull Parti għandu japprova u jiffirma l-abbozz tas-sommarju f'żewġ kopji. Kull Parti għandha tirċievi oriġinal wieħed tas-sommarju approvat u ffirmat.

Artikolu 8

Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adottati bi qbil komuni bejn il-Partijiet. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adottati wara t-tlestija mill-Partijiet tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom.
2. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub. F'tali każijiet, il-Partijiet għandhom jaqblu dwar

limitu ta' żmien għat-tul tal-proċedura. Jekk mal-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien, l-ebda Parti ma tkun esprimiet oppożizzjoni għall-proposta ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni, il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jiddikjara li d-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni tkun ġiet adottata bla oppożizzjoni.

Artikolu 9

Spejjeż

1. Kull Parti għandha tħallas l-ispejjeż li ġġarrab b'riżultat tal-parteciġipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kemm fir-rigward tal-ispejjeż tal-persunal, tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza kif ukoll fir-rigward tal-ispejjeż postali u ta' telekomunikazzjoni.
2. Kull Parti għandha tħallas l-ispejjeż li ġġarrab b'konnessjoni ma' servizzi ta' interpretazzjoni fil-laqgħat u ta' traduzzjoni.
3. Il-Parti li tospita l-laqgħa għandha tħallas l-ispejjeż konnessi mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti.

Artikolu 10

Sottokumitati Speċjalizzati

1. F'konformità mal-Artikolu 48(3) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jista' jwaqqaf sottokumitati speċjalizzati biex jgħinuh fil-qadi ta' dmirijietu. Is-sottokumitati speċjalizzati għandhom jaġtu rendikont lill-Kumitat Konġunt esklussivament wara kull waħda mil-laqgħat tagħhom.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiddefinixxi t-Termini ta' Referenza (TOR) ta' kull sottokumitat speċjalizzat.
3. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jemenda t-Termini ta' Referenza (TOR) jew jabolixxi kwalunkwe sottokumitat speċjalizzat eżistenti.
4. Is-sottokumitati speċjalizzati jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kumitat Konġunt.

ANNESS II

DEĊIŻJONI Nru 2 /[./../] TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-FILIPPINI

ta'....

li tistabbilixxi sottokumitati speċjalizzati u tadotta t-termini ta' referenza tagħhom

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-FILIPPINI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni

Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra

(il-Ftehim”), u b’mod partikolari l-Artikolu

48(3) tiegħu, u l-Artikolu [10] tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt,

Billi:

- (1) Sabiex jiġu permessi diskussjonijiet fil-livell ta' esperti dwar l-oqsma ewlenin koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġu stabbiliti sottokumitati speċjalizzati.
- (2) Skont l-Artikolu [8] tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jadotta deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub, [jekk il-proċedura bil-miktub tintuża f'dan il-każ]

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Is-sottokumitati speċjalizzati elenkati fl-Anness A huma b'dan stabbiliti. It-termini ta' referenza tas-sottokumitati speċjalizzati għandhom ikunu kif indikat fl-Anness B.

Magħmul fi,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-Filippini
Il-President*

Anness A
Il-Kumitat Konġunt UE-Filippini
Sottokumitati Speċjalizzati

Anness B

It-termini ta' referenza tas-sottokumitati speċjalizzati skont il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejħin konġuntement bħala l-“Partijiet” u individwalment bħala l-“Parti”.

Artikolu 1

Is-sottokumitati speċjalizzati għandhom jiddiskutu suġġetti jew proġetti speċifiċi relatati mal-qasam rilevanti ta' kooperazzjoni.

Artikolu 2

Is-sottokumitati speċjalizzati għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt. Huma għandhom jagħtu rendikont u jibagħtu s-sommarju tagħhom tal-eżiti/konklużjonijiet lill-President tal-Kumitat Konġunt fi żmien (30) jum tax-xogħol wara kull laqgħa.

Artikolu 3

1. Is-sottokumitati speċjalizzati għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet. Il-kapijiet tad-delegazzjonijiet tas-sottokumitati speċjalizzati rilevanti għandhom jinfurmaw lil xulxin bir-rappreżentanza taż-żewġ partijiet fis-sottokumitati speċjalizzati qabel il-laqgħa.
2. Wara ftehim bil-miktub mill-kapijiet rilevanti tad-delegazzjonijiet tas-sottokumitati speċjalizzati, is-sottokumitati speċjalizzati jistgħu jistiednu lil terzi għal-laqgħat rispettivi tagħhom u jistgħu jisimghuom rigward punti speċifiċi fuq l-aġenda, kif xieraq. Kull Parti trid tinforma lill-kontroparti tagħha tal-anqas għaxart (10) ijiem tax-xogħol qabel il-laqgħa bl-intenzjoni tagħha li tistieden terzi. L-għażla tat-terzi għandha ssir bi qbil bejn il-Partijiet qabel il-laqgħa.

Artikolu 4

Is-sottokumitati speċjalizzati għandhom ikunu ppreseduti u, fil-prinċipju, ospitati mill-Parti li jkollha l-Presidenza tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 5

Rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jew tad-Direttorat Ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea u rappreżentant tal-aġenzija ewlenija kkonċernata għall-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini għandhom iservu flimkien bħala Segretarji tas-sottokumitati speċjalizzati.

Artikolu 6

1. Is-sottokumitati speċjalizzati għandhom jiltaqgħu kull meta hekk ikunu jitolbu ċ-ċirkostanzi wara qbil bejn il-Partijiet, fuq il-bażi ta' talba bil-miktub minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet. Kull laqgħa għandha ssir fi żmien u f'post maqbula bejn il-

Partijiet. Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, il-laqgħat tas-sottokumitati jistgħu isiru eċċezzjonalment permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

2. Meta waħda mill-Partijiet titlob laqgħa tas-sottokumitat speċjalizzat, is-Segretarju tal-Parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum tax-xogħol minn meta tasal dik it-talba.
3. Filwaqt li jqisu l-Artikolu 3(2) fir-rigward ta' terzi, kull Parti għandha tinforma lill-President bil-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni tagħha fi żmien xieraq qabel il-laqgħa.

Artikolu 7

1. Il-President għandu jikkomunika l-abbozz tal-aġenda lill-Partijiet mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin (21) jum tax-xogħol qabel il-laqgħa.
2. Kull Parti tista' titlob lill-President idaħħal punt fl-aġenda ta' laqgħa ta' sottokumitat speċjalizzat. Punti oħra minbarra dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiddaħħlu fl-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.

Artikolu 8

1. Is-Segretarji għandhom iħejju b'mod konġunt l-abbozz tas-sommarju tal-eżiti/konklużjonijiet
2. Il-Kap tad-Delegazzjoni ta' kull Parti għandu japprova u jiffirma l-abbozz tas-sommarju f'żewġ kopji qabel it-tmiem ta' kull laqgħa. Kull Parti tirċievi oriġinal wieħed tas-sommarju approvat u ffirmat.
3. Il-laqgħat tas-sottokumitati speċjalizzati għandhom isiru esklussivament u b'mod kunfidenzjali bejn ir-rappreżentanti taż-żewġ Partijiet, sakemm iż-żewġ Partijiet ma jaqblux li jagħmlu mod ieħor.